# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Abubi Sadir (19G-022)**
**Bushai Moqu (19FF-045)**
**Hamza El Majdoub (19FF-029)**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Abubi Sadir** ta' 24 sena, ta' nazzjonalita Marokkina, iben Mohammed u Hader imwieled Benmalal, il-Marokk nhar l-10 ta' Marzu, 1996 u residenti gewwa Hal Far Open Centre, u detentur tan-numru tal-Pulizija 19G-022;

**Bushai Moqu** ta' 24 sena, ta' nazzjonalita Marokkina, iben Mati u Mina, imwieled Stat, il-Marokk nhar it-23 ta' Ottubru, 1996 u residenti gewwa Lyster Barracks Hal Far u detentur tan-numru tal-Pulizija 19FF-045;

**Hamza El Majdoub**, ta' 27 sena, ta' nazzjonalita Marokkina, iben Bouchta u Zinbe, imwieled Fas, il-Marokk nhar is-16 ta' Gunju, 1996 u residenti gewwa Hal Far Open Centre, u detentur tan-numru tal-Pulizija 19FF-029;

**U**

**Omissis**

Akkuzati talli fit-24 ta' Lulju, 2020 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaport, jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport, li huma kienu jafu li gie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati (Kap 9, section 189 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Minghajr awtorita' legittima uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokument, mehtieg ai finijiet ta' dan l-Att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Lil **Abubi Sadir** wahdu:

4. U aktar talli sar recediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LLD nhar it-22 ta' Lulju, 2019 liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Lil **Bushai Moqu** wahdu;

5. U aktar talli nhar it-30 ta' Gunju, 2020 ghall-habta ta' bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) gewwa l-gzejjer Maltin ikkomettew harba semplici waqt li kienu fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja taghhom.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati, u fil-kaz ta'l-imputat Omissis,  l-eta tieghu; huwa fil-fatt ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 49, 50, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapiotlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abubi Sadir** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija**.

Wara li rat l-artikoli 151, 160 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapiotlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Bushai Moqu** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija**.

Wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapiotlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Hamza El Majdoub** hati

ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah **sebgha xhur prigunerija.**

Wara li rat l-artikoli 37 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapiotlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Omissis** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah **xahrejn prigunerija** li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' sena**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Omissis fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jekkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**